**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**MALTA**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 ta' Novembru, 2016**

**Talba numru: 297/2016AM3**
**Lista Numru: 58**

**Vodafone Malta Limited (C10865)**
**Skyparks Business Centre,**
**Malta International Airport,**
**Luqa**

**Vs**

**Seddik Otman Melad Souqi (K.I.388810L)**
**24, Triq Kent,**
**Fgura**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-02 ta' Awwissu, 2016 li permezz tieghu s-Socjeta' attrici talbet il-hlas minghand il-konvenut fl-ammont ta' elf, tmien mija u tmienja u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,828.88) ghas-servizzi u prodotti provduti lill-istess konvenut abbazi tat-tariffa ZZ A Vodafone Smart, Voda Red BSC CON-TYHTA referribbli ghal kont bin-numru 1.10926484;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, il-konvenut ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-affidavit ta' Dr Jeremy Debono in rapprezentanza tas-Socjeta' attrici li permezz tieghu xehed li l-ammont ghadu dovut.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru, 2016 li permezz tieghu ddikjara li ma ghandhux provi u t-Tribunal ddiferixxa l-kawza ghad-decizjoni.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta` attrici tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba tas-Socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, tmien mija u tmienja u ghoxrin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€1,828.88c) bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-effettiv pagament

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**